# TIEĠ F'RAĦAL

Kien ilu aktar minn sena jgħidli bid-daħqa: "Sur Ġann, meta niżżewweġ nistiednek;" u jien b'daħqa oħra nwieġbu: "Pepp, meta tiżżewweġ jiena l-ewwel li niġik, u nieħdu qatra flimkien." Għalhekk issa li Peppi wasal biex itejjeġ, ma stajt b'xejn neħles mill-istedina. Kelli, minkejja fija, nitqanna' u nwiegħdu li ma nonqsux.

Peppi mill-Qrendi, kien żagħżugħ trid seba' għajnejn biex tarah. Imġissem, mibrum, mibni b'saffejn, lewn ftit u xejn samrani, għajnejn kbar suwed, dejjem fuq ruħu, ma kienx hemm ieħor jixbħu r-raħal. Fuq kollox kien bieżel, ħawtieli, imidd idejh f'kollox: jaħdem fil-barriera, fir-raba', fil-baħar; daqqa għal rasu, daqqa ma' ħaddieħor. Bl-erba' ħabbiet li faddal, fetaħ ħanut tal-ġwież u ieħor tal-merċa għall-mara.

Din, mill-Qrendi hi wkoll, kienet bint nies sewwa, nies jagħmluha tajjeb, mara tal-ksiba għall-aħħar. Il-laqgħa tagħha ma' Peppi ma setgħetx tkun aħjar.

Il-Ħadd, nhar it-tieġ, fis-sitta u nofs ta' filgħodu wasalt mill-Belt għand il-għarusa. Il-ħaddara kien għoddhom inġemgħu kollha. In-nisa lebsin kollha bil-ħarir iswed, b'sidirhom miksi kollu deheb, b'taqsitiet, ħnienaq u barbazzali mdawwrin ma' għonqhom, ċappetti kbar u wesgħin ma' idejhom, u żewġ ċrieket jew tlieta f'kull saba' ta' idejhom it-tnejn; b'idhom ix-xellugija jżommu t-tarf tal-għatja tal-għonnella, u b'idhom il-leminija jerfgħu kemm kemm id-dublett minn quddiem biex ma jfixkilhomx fil-mixi u biex juru l-bizzilla tad-dublett ta' taħt, abjad u mgħoddi. Ir-rġiel lebsin il-libsa tat-tieġ, li jilbsuha biss biex jaħdru u biex igħammdu, b'polka tad-deheb ħoxna minn but għall-ieħor tas-sidrija, kienu jidhru li dak il-lbies mhumiex imdorrijin bih. Il-għarus, wiċċu jiddi bil-ferħ, malli rani ġiè jilqâni u jifraħ bija u jurini l-għarusa li għalkemm ma kenitx sabiħa, il-ħarsa rżina ta' għajnejha u l-lewn ħamrani ta' ħaddejha kienu jatuha ħlewwa li tolqtok.

Malli sar il-ħin tlaqna mid-dar għall-Knisja, l-ewwel mexjin ir-rġiel u warajhom in-nisa. Ma għandniex xi ngħidu, jien kont miexi ma' ġenb il-għarus, li kien donnu jrid jaqbeż bil-ferħ. Wasalna l-Knisja, dħalna u bqajna telgħin sat-taraġ tal-artâl. Il-Kappillan sibnieh jistenna. Resaq malajr lejn il-għarajjes, u, staqsiehom iridux il xulxin kif titlob il-Knisja Mqaddsa. Malli weġbuh: *signor si*, raxxhom bl-ilma mbierek, u fil-waqt li hu kien jaqra fi ktieb żgħir, il-għarus xedd il-ħâtem lill-għarusa.

Xħin il-Kappillan temm it-tberik tar-rabta taż-żewġ għarajjes, daħal igħaġġel ġewwa u ħarġet il-quddiesa bid-daqq tal-orgni. Qaddes Dun Ċelest, qassis żagħżugħ, ulied l-aħwa mal-għarus. Wara l-quddiesa n-nies bdiet ħierġa mill-Knisja, imma

n-nisa u l-aktar ix-xebbiet, baqgħu hemm u qamu bil-wieqfa biex jaraw aħjar il-għarajjes, u jiftakru u jixtiequ l-jum hieni tar-rabta tagħhom.

Fit-trîq, mill-Knisja sad-dar, il-ħbieb kollha jixtiequ r-risq lill-għarajjes u jitfgħulhom il-qamħ minn fuq il-bjut u mittwieqi. Xħin wasalna nbagħad ħdejn id-dar tal-għarusa, bdiet nieżla fuqna xita ta' qamħ, lewż u ġellewż, u qatgħa tfal tar-raħal donnhom għafieret jiġru ġo nofsna biex ilaqqtu l-lewż mill-art. Ingħid is-sewwa xejn ma għoġbitni din il-laqgħa; ħbatt se' ngħid xi ħaġa, imma ftakart li qiegħed ir-raħal u jeħtieġli noqgħod għad-drawwiet tagħhom.

"Rajtx, sur Ġann, kif waslet sa flaħħar il-qatra li kellna nixorbu flimkien," qalli Peppi, malli dħalna d-dar u qgħadna bilqiegħda f'għorfa kbira, imdawwra kollha bis-siġġijiet.

"U jien nixrobha bis-saħħa tagħkom," weġibtu jien, "u nixteqilkom kull ġid u hena tul għomorkom kollu."

Xorb u ħelu jduru wara xulxin mad-dawra tal-mistednin. Ir-rġiel jixorbu kull darba li jġibulhom, u n-nisa b'maktur abjad mifrux f'ħoġorhom jilqgħu ġo fih il-ħelu tagħhom u ta' żwiegħhom, biex jeħduh id-dar għalihom u għat-tfal iż-żgħar. Sikwit il-għarus, li kien mitluf bil-ferħ, kien idur lejja bit-tazza f'idu u jgħidli: "Qatra oħra flimkien, sur Ġann," u jien biex inkompli miegħu kont naqbad it-tazza, inressaqha ma' xofftejja, iżda bla ma mmissha.

Biex l-istedina tkun sħiħa kelli noqgħod għall-ikla ta' nofs in-nhar. Iżda kif tgħaddi s-sagħtejn jew tlieta li kien baqa' għal ħin l-ikel? Id-dar kullħadd kien imħabbat, min ħiereġ, min dieħel, min igħaġġel,min jiġri, min tiela', min nieżel, dak ħiereġ b'dixx kbir patata mraxxa kollha bżar u tiġieġa fuqha saqajha l-fuq, ieħor għaddej milwi taħt tagħbija ta' dixx imqarrun aħmar bit-tuffieħ t'adam; u nbagħad tgeġwiġ u għajjat ma ngħidu xejn; ma tismâx ħlief: "ġib il-hawn," "ħudu l-hemm," "rewwaħ innar," "ġib ftit xaħam ieħor," "mur ferragħ dik il-qolla nbid," "żul min-nofs," u kliem ieħor bħal dan.

Dun Ċelest ried ikun biex nieħu ftit tan-nifs. "Tridx noħorġu nduru dawra sakemm isir il-ħin," qalli kollu ħlewwa. "Isbaħ din! niġi bil-qalb kollha," weġibtu; u ħriġna minnufih.

Dorna dawra mar-raħal, żgħir imma nadif, inbagħad morna l-Maqluba, ħofra kbira, kbira li l-qiegħ tagħha jinħadem bħarraba'. Qalli Dun Ċelest li mijiet ta' snin ilu dik il-ħofra kienet raħal li nqaleb u ġġarraf minnħabba l-ħażen tan-nies. Baqgħet wieqfa dar waħda biss li fiha kienet tgħammar mara tajba. Fejn kienet id-dar, wara nbniet il-knisja ta' San Mattew. Għall-inqas hekk jaħsbu n-nies, żied igħidli l-qassis biex bħalkieku jfarfar minn fuq spallejh.

Mill-Maqluba ġbidna għal Gwarena, dar kbira ta' żmien isslaten, minbnija fuq għaqba, il-lum aktarx dejjem magħluqa.

Wied iż-Żurrieq kien jiġi taħtna, imma jien aktar xtaqt li nibqgħu sejjrin Ħaġar Qim li kien bgħid minna tefgħa ta' ġebla. Minn Ħaġar Qim inbagħad inżilna l-Imnajdra, u Dun Ċelest ifissirli li dak il-ħaġar kbir u wieqaf kien fdal tal-qima li kienu jatu misserijietna lill-allat, qabel ma saru nsara. Minn hemm irġajna l-ura għar-raħal, nimxu qajl qajl, nieqfu u nitħaddtu u nitgħaxxqu b'dak il-ġmiel tal-ħolqien, li ma tarahx minn bejn il-ħitan għoljin tal-belt.

"Tgħadduha tajjeb hawn, Dun,!" għidtlu aħna u deħlin ir-raħal.

"Ingħid għalija, ingħaddiha tajjeb;" weġibni, "ħbieb kull-ħadd, egħdewwa ħadd. Nilħaq xogħli l-Knisja, u fil-ħin battâl indur xi dawra f'dawn in-naħat jew noqgħod id-dar naqra. Inħobb naqra ħafna. Mill-kotba dejjem titgħallem xi ħaġa. Il-kotba ħbieb li ma jgħalluk qatt. Ma nagħmilha ma ħadd. U fuqiex trid titħaddet man-nies tar-raħal? x'għamel jew x'qal il-flien, jew fuq il-festa, kemm se' nagħmlu bombi biex ingħaddu lil tal-Kaħla, u ħmerijiet oħra bħal dawn li jagħmlu ħsara kbira. Jiena jidhirli li, bħala qassis, xogħli hu li ngħallem u nwissi u mhux li nħeġġeġ u nkattar din il-ħsara."

Sa dal-ħin konna għaddejin minn quddiem il-Knisja, u l-arloġġ daqq il-ħdax. "Għadu l-ħin," għidt jien. "Imma aħjar nibqgħu sejjrin," qal il-qassis, "għax in-nies tar-raħal jieklu kmieni."

U bqajna sejjrin id-dar tal-għarusa. Il-mistednin, li kienu nies ta' ġewwa u ħbieb tal-qalb biss, kienu bdew jinġemgħu. In-nisa biddlu l-lbies iswed tal-Knisja u libsu lbies ieħor ta' lewn iżraq, ħadrani, irmiedi, aħmar bajdani. Ir-rġiel kienu nofs lbies, jiġifieri, mingħajr ġlekk, bis-sidrija maħlula u bil-kmiem tal-qmis bil-kulzieri llamtati mxammrin il-fuq. Iż-żarbun kien għadu f'riġlejhom, iżda waqt l-ikel intbaħt li xi wħud neħħewh ukoll.

Żewġ imwejjed twal magħmulin minn żewġ twavel jew tlieta kull waħda fuq żewġ strippi minsubin ma' tul il-għorfa, b'żewġ srabat siġġijiet tal-knisja fuq kull ġenb ta' kull mejda. Waħda mill-imwejjed kienet mifruxa b'biċċa bajda li ma tilħaqx sat-tarf, l-oħra għerja għal kollox. Fuq il-mejda l-mifruxa qgħadt jien u Dun Ċelest ma' ġenbi, u l-għarajjes u l-familji tagħhom. Kollox mill-eħfef; dik it-tagħmira mgħaref, skieken u frieket u tazzi ta' kull daqs u għamla li jgħabbu l-imwejjed tan-nies tal-belt, dawk is-srievet mibrumin donnhom pupi tat-tfal, dawk ix-xarbitelli kollha li mingħajrhom ma jafux jieklu s-sinjuri, fuq il-mejda tagħna ma kenux jidhru. Furketta u tazza kellna biss jien u Dun Ċelest, l-oħrajn il-furketta ma jafux jaħdmu biha, u mit-tazzi mhumiex imdorrijin jixorbu, ħlief meta jkunu l-ħanut.

Xħin kullħadd kien f'postu, Dun Ċelest qam bil-wieqfa

jbierek il-mejda u qal: "Bierek, ja Mulej, lilna u dan l-ikel li mill-ħniena tiegħek aħna se' nieklu. Hekk ikun." U radd is-salib fuq il-mejda. U minnufih bdew ġejjin platt wara l-ieħor, li l-istonku tiegħi ma riedx jaf bihom, anqas wara dik id-dawra li kont għamilt ftit qabel. Magħarfa jew tnejn brodu ħajt kif għamilt u xrobthom, aktar ma stajtx inniżżel. Il-laħam, il-patata, l-imqarrun, ir-ross, li rajthom ħerġin għall-forn, kemm kemm messejthom u newwilthom lil ta' quddiemi li kien jibla' u jeħġem bħal serduq agħma. U ma kenux jagħmlulu għajb l-oħrajn. Kull platt li jġibulhom fis kien igħib taħt il-qawwa ta' snienhom bħal qabda qamħ taħt il-ħagra tal-mitħna. U wara kull platt iqabbdu flixkun inbid ma' xofftejhom u f'nifs wieħed iniżżlu nofsu. Mur sibu għada għors bħal dak !

Missier il-għarus intebaħ li jien ftit kont induq u fl-aħħar qalli: "Imma inti m'inti tiekol xejn! Ma jogħġbokx l-ikel tagħna ?" Biex ma nregħxux l-imsejken raġel weġibtu : "Kollox tajjeb kemm jista' jkun; kollox għoġobni u minn kollox kilt, imma jiena ftit niekol." "Intom tal-belt imdorrijin biċ-ċejċiet u ma tieklu xejn," reġa' qalli. "U jien natik kelma," tennejtlu jien, "li qatt ma kilt daqs il-lum. Dik il-patata kellha togħma tassew bnina, qatt ma doqt bħalha; dak il-ħasi tari u tajjeb il-belt qajla nsibu nixtru bħalu. Qatt ma ninsieha din l-ikla." U dak ir-raġel minfuħ bit-tifħir tiegħi qabad flixkun inbid, imlieli tazza, u "bis-saħħa, mela," qalli u f'nifs wieħed niżżel li kien baqa' fil-flixkun.

L-inbid ma damx ma beda jagħmel tiegħu. L-uċuħ bdew jiħmaru, kullħadd jitkellem igħajjat, kullħadd jidħak, kullħadd ferħan. Għal ħin wieħed dawk ir-rġiel insew it-taħbit qalil tal-ħajja, u x-xogħol iebes ta' kull jum. U dan il-ħsieb ħassejtu jfarraġni, u taffieli d-dwejjaq li dak il-ħin kont inħoss jikbru. Kienu ferħanin, imma kien għad jonqos. F'daqqa waħda daqq dgħajjef ta' kitarra nstema' ġejj mis-setaħ. Kien qisu s-sinjal. Ir-rġiel kollha qamu u ħarġu u daru dawra ma' tal-kitarra. Tnejn li kienu jinqalgħu għall-għana, iqabblu waħda kull wieħed, u d-daqqaq erħilu jħarbex bil-ħamest iswaba fuq il-kordi kollha tal-kitarra.

Wara li qgħadt ftit nismagħhom, kien sarli l-ħin li noħroġ u nitlaq lejn il-belt. Sellimt lill-għarajjes, urejthom kemm fraħt, għidtilhom li dik il-laqgħa ta' ħbieb ma ninsieha qatt, ħadtil-hom b'idejhom u nżilt biex noħroġ. Peppi niżel iwassalni sal-bieb u qabel ma ħriġt tani f'idi sorra ħelu. Dun Ċelest ġiè wkoll iwassalni. qalli li jifraħ jerġa' jiltaqa' miegħi, u jien biex nurih kemm nafulu talli għamel miegħi dan in-nhar stedintu jiġi għandi l-Belt.

Tlaqt u qgħadt naħseb xi swietli l-kelma fiergħa li kont għidt lil Peppi : "Meta tiżżewweġ, niġi u nieħdu qatra flimkien."

S.